# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 845/97

Emanuel Caruana

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tat-28 ta' Settembru 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

Illum 22 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma giex moghti l-promozzjoni li kien jisthoqqlu mill-Korporazzjoni intimata, minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent beda jahdem mal-Korporazzjoni intimata fis-7 ta' Jannar 1980 fil-grad ta' Labourer. Peress illi wera' kapacita' u responsabbilta' fix-xoghol tieghu, huwa mill-ewwel gie assenjat xoghol ta' Telecom. Technician I u fil-fatt inghata dan il-grad b'effett retroattiv. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1986, ir-rikorrent gie promoss ghall-grad ta' Telecom Technician I. Bhalissa huwa jokkupa l-kariga ta' Tech II li bir-riforma sar A.T.O. fi skala 13.

Illi r-rikorrent ghandu esperjenza f'diversi oqsma tax-xoghol tieghu. Huwa kien beda jahdem fuq it-telephone sets fil-workshop tal-korporazzjoni intimata, il-Floriana u wara intbaghat fuq ix-xoghol tal-linji lejn iz-Zejtun. Fil-prezent huwa qieghed jahdem fuq il-hsarat fuq l-area ta' Birzebbugia u Hal Far u ghandu taht ir-responsabbilta' tieghu madwar 3,800 linja. Matul is-snin, huwa attenda ghal diversi korsijiet konnessi max-xoghol tieghu.

Illi f'Lulju 1989, il-Korporazzjoni intimata kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet biex jintlew vakanzi fil-grad ta' Tech III.

Illi peress li r-rikorrent kellu l-kwalifiki u l-esperjenza u s-seniority necessarja ghal dan il-grad, huwa applika biex jigi promoss.

Huwa dejjem impenja ruhu u ha nteress fix-xoghol li gie nkarigat jaghmel u dejjem wettaq id-doveri tieghu bl-akbar responsabbilta' u efficjenza, ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri tieghu.

Illi madankollu, meta hareg ir-rizultat, ir-rikorrent ma giex promoss ghall-grad li kien applika ghalih, filwaqt li gew promossi persuni ohra li ma kellhomx esperjenza u seniority daqsu.

Illi r-rikorrent hass li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa ma nghatax il-promozzjoni li kien jisthoqqlu, anzi ir-rikorrent isostni li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relattiva ghall-grad li kien applika ghalih. Barra minn hekk il-fatt li ma nghatax il-promozzjoni ghal Tech. III fl-1989, kellu konsegwenzi negattivi fuq il-karriera tar-rikorrent, peress illi meta sussegwentement saret ir-riforma fil-korporazzjoni intimat, fl-1996 kien jerga jigi promoss ghall-grad oghla.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu, fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilmenti tieghu, ir-rikorrent sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jghogbu wara li jisma x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-

Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi (1) jinghata l-promozzjoni li kien haqqu ghall-grad li kien ta' Tech III b'effett retroattiv miz-zmien li kellu jinghata tali promozzjoni; (2) jigi assimiljat fil-grad relattiv skond ir-riforma tal-1996 b'effett retroattiv mid-data li sehhet dik ir-riforma; (3) jithallas l-arretrati ta' paga, overtime u allowances li tilef ir-rikorrent b'rizultat tal-ingustizzja li sofra.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimdeji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-korporazzjoni intimata.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecom Technician III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi minn massimu ta’ 100 marka r-rikorrent gab biss 15 il-marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 5 marki minn 30 marka ghas-snin ta’ servizz; 3 marki minn 20 marka ta’ l-esperjenza; ebda marka minn 15 il-marka tal-kwalifiki; 3 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 2 marki minn 10 marki ghal taghrif Generali u 2 minn 5 marki ghal personalita`.

4. Illi dwar l-allegazzjoni li gew promossi nies b’inqas kwalifiki u esperjenza mir-rikorrent, il-korporazzjoni tirrizerva li twiegeb u tressaq ix-xhieda meta tigi kjarifikata din l-allegazzjoni u jinghataw l-ismijiet tal-persuni li dwarhom qed issir l-allegazzjoni. Pero’ ghandu jigi rilevat illi l-kwalifiki u l-esperjenza ma kienu l-unici kriterji ta’ l-ghazla.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Ir-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li attenda ghall-interview, pero' deherlu li dan ma sarx kif kellu jsir. Gie mistoqsi kif kien jikklirja l-hsarat u sa fejn jaf hu wiegeb tajjeb. Gie mistoqsi xi domandi ohra mill-Bord tal-Ghazla li hu hass li kienu biex ifixkluh u biex inaqqsulu c-cans ghall-promozzjoni. Semma tnejn minn nies li kienu fiz-Zejtun Exchange - Salvu Schembri (Index No 6245) u Tony Chetcuti (Index No. 6579), dawn kienu haddiema max-Xandir u minkejja li dawn zgur ma kellhomx esperjenza daqsu u anqas jafu jaqraw u jiktbu sewwa dawn gew promossi. Kien hemm ukoll Michael Caruana (Index No. 6184) u Michael Enriquez (Index No. 6686) li gew promossi meta hu kien kwalifikat aktar minnhom ghall-promozzjoni izda baqa' minghajrha. Semma li Salvu Schembri lanqas biss kellu esperjenza teknika. Ipprezenta dokument Dok EC1 a fol 38 tal-process li hija rakkomandazzjoni fir-rigward tieghu.

Xehed Joseph Micallef fejn qal li l-grad tieghu huwa ta' Technical Executive. Qal li r-rikorrent, ilu jafu bhala haddiem mal-Maltacom xi ghoxrin sena. Jiftakar lir-rikorrent jahdem bhala labourer kif ukoll bhala technician. Qatt ma jiftakar li kien hemm problemi fir-rigward tax-xoghol tieghu anzi kien isewwi b'mod efficjenti hafna. Huwa zied jghid li jiftakar lir-rikorrent kien segwa in house courses ta' linesman u ta' technician, jiftakar li kien gie minn ta' quddiem izda dak iz-zmien ma kienux jaghtu certifikati.

Xehed Joseph Bartolo fejn qal li spicca fil-Grad ta' Senior Technical Officer. Qal li r-rikorrent kien hadem mieghu fin-1981 sakemm spicca biz-zmien. Qal li r-rikorrent malli gie maghhom

huwa ha nteress fix-xoghol. Meta kienu jidhlu rapporti tal-hsarat huwa kien jiehu hsiebhom dakinhar stess u ghalhekk kien efficjenti fuq xoghlu. Qal li fir-rigward tal-klijenti li huwa kellu x'jaqsam maghhom, kien jircievi hafna telefonati fl-ufficcju, ta' tifhir, fir-rigward tar-rikorrent. Qal li l-esperjenza li kellu r-rikorrent, kienet ta' bniedem kwalifikat minkejja li ma kellux certifikati.

Xehed David Buttigieg li esebixxa Dok DB1 minn fol 41 sa 75 tal-process li huwa kopja tar-rapport tal-board tal-ghazla, kif ukoll ir-rizultati kollha, ghall-grad ta' TT3. Qal li ma jidher li kien hemm ebda rapporti negattivi, jew raguni valida biex ma jinghatax il-promozzjoni ta TT3. Esebixxa ukoll dok DB2, li juri d-differenza tal-gradi.  Qal ukoll li Enriquez dahal bhala labourer fis-26 ta' Marzu 1986, Salvu Schembri dahal bhala wireman fit-13 ta' Frar 1975 u Michael Caruana dahal bhala Technician I, fil-25 ta' Gunju 1979. Qal li Enriquez l-unika kwalifika li kellu in-house course fuq Line Customer Apparatus. Fir-rigward ta' Schembri, qal li dan ghandu kwalifiki ta' zewg courses, in-house courses, linesman skills kif ukoll network application. Fir-rigward ta' Michael Caruana, m'ghandu xejn bhala kwalifiki.

Xehed Francis Pisani li qal li l-grad tieghu huwa ta' senior technician u kien jahdem mar-rikorrent fuq barra bhala linesman. Dwar il-kapacitajiet tar-rikorrent fuq xogholu, huwa qal li r-rikorrent kien jaghmel xogholu sewwa.

Illi saret referenza ghas-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru 2001 fir-rikors numru 1108/97 fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

**Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | <u>**15**</u>% |

| | |
|---|---|
| Kwalifiki | **25**% |
| Mistoqsija Teknika | **15**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita` | 5% |

**Analizi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**snin ta' servizz** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **experience** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog

minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal jinnota li r-rikorrent dahal jahdem mat-Telemalta fl-1980 u ghalhekk suppost li nghata 9 marki u mhux 5 ghax ghalkemm ma hemm imnizzel xejn fir-rapport li l-marki nghataw wahda ghal kull sena meta qies l-allokazzjoni ta' 30 marka bil-fors li trid tinhadem b' marka ghal kull sena; ghalhekk ir-rikorrent qed jinghata 9 marka;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 2;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 0; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal tibqa' 0;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal il-marka ssir 2;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess mark ghal 2;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka tibqa' 2.

Dan igib it-Total ghal TO III ghal 17.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.